# INFORMAZZJONI GĦAL KULL MIN SER IPOĠĠI GĦALL-EŻAMI TAL-LIĊENZJA ĠENERALI TAL-INSIB

Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi

*Wild Birds Regulation Unit*

# KONTENUT

**Il-Proġett tal-Gvern dwar ir-riċerka fuq is-seba’ speċi tal-Għasafar tal-Għana**

- Is-Seba’ Speċi
- Ir-Riċerka fuq is-Seba’ Speċi

**L-Insib għall-Malvizz u l-Pluviera**

- Il-Malvizz u Pluviera
- L-insib għall-Malvizz u l-Pluviera

**Obbligi tan-Nassab**

**L-Eżami għal-Liċenzja Ġenerali tal-Insib**

# IL-PROĠETT TAL-GVERN DWAR IR-RIĊERKA FUQ IS-SEBA' SPEĊI TAL-GĦASAFAR TAL-GĦANA

# IS-SEBA' SPEĊI

1. Gardell – European Goldfinch (*Carudelis carduelis*)





# IS-SEBA' SPEĊI

2. Verdun – European Greenfinch (*Chloris chloris*)






# IS-SEBA' SPEĊI

3. Taż-Żebbuġ – Hawfinch (*Coccothraustes coccothraustes*)






# IS-SEBA' SPEĊI

4. Sponsun– Common Chaffinch (*Fringilla coelebs*)






# IS-SEBA' SPEĊI

5. Ġojjin– Common Linnet (*Linaria cannabina*)






# IS-SEBA' SPEĊI

## 6. Ekru – Eurasian Siskin (*Spinus spinus*)






# IS-SEBA' SPEĊI

7. Apparell – European Serin (*Serinus serinus*)







# IR-RIĊERKA FUQ IS-SEBA' SPEĊI

- Dati – Ġeneralment mill-**20 t'Ottubru sal-20 ta' Diċembru**
- Ħinijiet – Minn **sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa sagħtejn wara nżul ix-xemx**
- Għasafar tal-għana maqbuda għandhom jiġu ċċekkjati għal ċurkett xjentifiku
  - Għasafar bla ċurkett jitħarrbu **immedjatament**
  - Jekk għasfur ikun imlibbes ċurkett xjentifiku, id-dettalji fuq iċ-ċurkett għandhom **jitnizzlu** fuq il-formola taċ-ċrieket u **jitħarrbu minnufih**
  - Il-formola taċ-ċrieket li ikun irċieva n-nassab mal-liċenzja speċjali, trid tiġi irritornata lil-*Maltapost* hekk kif ikun spiċċa iż-żmien tad-deroga (jekk mimlija b'dettalji ta' għasfur b'ċurkett xjentifiku)



# IR-RIĊERKA FUQ IS-SEBA' SPEĊI

- Ma **jistgħux jinżammu** għasafar li jinqabdu
- Riċerka tista' ssir **BISS** fuq is-seba' speċi tal-għasafar tal-għana
- F'każ li b'mod aċċidentali jinqabad għasfur minn speċi oħra, dan għandu jiġi **meħlus** minnufih mill-persuna bil-liċenzja

# IR-RIĊERKA FUQ IS-SEBA' SPEĊI

- Parteċipazzjoni minn **sit wieħed** (stazzjon tar-riċerka)
- **Mansab wieħed** minn dura waħda, **reġistrat** għal dik is-sena (*site plan* approvata mid-WBRU li tkun ġiet inkluża mal-applikazzjoni għal liċenzja speċjali)
- Ma jistax isir insib fuq imnasab **mhux reġistrati/revokati**
- Mansab tradizzjonali – xbieki li jinqelbu **manwalment biss** – saffi ta' żewġ xbieki jew iktar fuq xulxin jew xi modifikazzjoni oħra, inkluż '*pockets*', huma pprojbiti
- Malji mhux anqas minn **18mm x 18mm**
- Kull xibka mhux **aktar minn 38m²**



# IR-RIĊERKA FUQ IS-SEBA' SPEĊI

Jistgħu jintużaw:

- **sfafar u għajjat irrekordjat** minn qabel (*bird callers*) tal-għasafar tal-għana
- għasafar tal-għana li ġew iddikjarati fl-2016 u 2017 mlibbsa ċurkett li jintuża darba maħruġ mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi f'dawk is-sentejn, li għandu l-kodiċi **R16U**
- għasafar tal-għana mnissla fil-magħluq (*captive-bred*) li jkunu **mlibbsa ċurkett sħiħ magħluq**, kif definit fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S.549.42)
- **mutazzjonijiet tal-kulur (varjanti)** li jkunu mlibbsa ċurkett sħiħ magħluq, kif definit fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S.549.42)
- **bgħula u/jew ibridi** anka jekk mingħajr ċurkett sħiħ magħluq

# L-INSIB GĦALL-MALVIZZ U L-PLUVIERA



# Malvizz– Song Thrush (*Turdus philomelos*)





# Pluviera– European Golden Plover (*Pluvialis apricaria*)



# L-INSIB GĦAL-MALVIZZ U PLUVIERA

- Dati:
  - Malvizz: Ġeneralment mill-**20 t'Ottubru sal-31 ta' Diċembru**
  - Pluviera: Ġeneralment mill-**1 ta' Novembru sal-10 ta' Jannar**
- Ħinijiet – **Minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa sagħtejn wara nżul ix-xemx**
- Parteċipazzjoni minn **sit wieħed** b'mhux iżjed **minn żewġt imnasab minn dura waħda**, reġistrati għal dik is-sena (*site plan* approvata mid-WBRU li tkun ġiet inkluża mal-applikazzjoni għal liċenzja speċjali)
- Ma jistax isir insib fuq imnasab **mhux reġistrati/revokati**
- **Mansab tradizzjonali** – xbieki li jinqelbu manwalment biss - saffi ta' żewġ xbieki jew iktar fuq xulxin jew xi modifikazzjoni oħra, inkluż 'pockets', huma pprojbiti



# L-INSIB GĦALL-MALVIZZ U L-PLUVIERA

- **Malji tax-xibka:**
  - Malvizz: mhux inqas minn 35mm x 35mm
  - Pluviera: mhux inqas minn 45mm x 45mm
  - Malvizz u Pluviera flimkien: mhux inqas minn 35mm x 35mm

- **Daqs tax-xibka:**
  - Malvizz: mhux aktar minn $38m^2$
  - Pluviera: mhux aktar minn $60m^2$
  - Malvizz u Pluviera flimkien: mhux aktar minn $38m^2$

# L-INSIB FUQ IL-MALVIZZ U PLUVIERA

- Sfafar tal-pluvieri u malvizz jistgħu jintużaw
- **Għajjat irrekordjat** minn qabel (*bird callers*) m'humiex permessi
- Il-persuna liċenzjata ma tistax iżżomm jew ikollha fil-pussess tagħha, f'ebda ħin, aktar minn total ta' għaxar (10) Mlievez u/jew Pluvieri użati bħala għajat u taħrik (*live-decoys*)

- Sabiex għasfur jitqies bħala għajat jew taħrik, dan għandu jkollu ċurkett li jista' jintuża darba biss kif pprovdut mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.
    - Iċ-ċurkett **isfar** biss meqjus li huwa approvat mid-WBRU jekk jitlibbes fuq in-naħa ta' isfel ta' sieq (*tarsus*) tal-**Malvizz**.
    - Iċ-ċurkett **aħmar** biss meqjus li huwa approvat mid-WBRU jekk jitlibbes fuq in-naħa ta' isfel ta' sieq (*tarsus*) tal-**Pluviera**.

# OBBLIGI TAN-NASSAB

- Kull nassab għandu japplika **kull sena** sabiex ikun eliġibbli għal-liċenzja speċjali.
- Kull nassab għandu iżomm id-dokumenti neċessarji waqt li ikun qiegħed jiprattika l-insib:
    - Liċenzja Ġenerali valida.
    - Liċenzja Speċjali għal dik is-sena partikolari.
    - Ktejjeb tal-insib.







- Kull nassab għandu jaqra u isegwi il-kundizzjonijiet **kollha** li jinsabu fil-liċenzja speċjali.

# OBBLIGI TAN-NASSAB

- Il-persuna liċenzjata hija **legalment obbligata li immedjatament tirrapporta** kull Għasfur tal-Għana/Malvizz/Pluviera li taqbad billi iċċempel fuq in-numru tat-telefon 8000 2020, bla ħlas, minn numru tal-mowbajl reġistrat mad-WBRU jew mill-*mobile app* '*Game Reporting MT*'
- Legalment obbligat tirrapporta **kull meta tieħu sehem f'dan il-proġett** ta' riċerka anka jekk ma taqbadx għasafar tal-għana (*research effort*) – 8000 2020/'*Game Reporting MT*'
- Legalment obbligat tirrapporta **kull meta mort tonsob u ma taqbadx Pluvieri u/jew Mlievez** (*trapping effort*)- 8000 2020/'*Game Reporting MT*'



# OBBLIGI TAN-NASSAB

- Qabel ma l-persuna bil-liċenzja titlaq mill-istazzjon ta' riċerka u matul il-ħinijiet ipprojbiti, ix-xbieki għandhom jew **jitneħħew jew jiġu mgħottija kompletament**, u waqt il-ħinijiet kollha permessibbli waqt li l-persuna bil-liċenzja tkun fis-sit ta' riċerka, il-mansab għandu jkun **sorveljat matul il-ħin kollu**

- Immedjatament malli **jagħlaq** il-perjodu ta' riċerka, il-mansab (inkluż xbieki, lasti u molol) għandu **jiżżarma u jitneħħa** minn fuq il-post

# L-EŻAMI TAL-INSIB

- Ħin, data u post kif indikat fl-ittra li rċevejt

- Ġib miegħek il-karta tal-identità, l-ittra tal-appuntament u pinna inka blu jew sewda

---------------------------